MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 448/2003

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Robert Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm735.16) rappresentanti Lm699.73, kapital u in kwantu ghal Lm35.43, imghaxijiet legali sas-27 ta' Jannar 2003 minnu dovuti fuq mutwu originarjament encroachment facility, li kopja ta'l-istatement ta'l-istess huwa anness ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-28 ta’ Jannar 2003 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat deher ghas-seduta ta’l-4 ta’ April 2003 u iddikjara illi huwa hallas l-ammont indikat fl-avviz u dana fil-mori tal-kawza, liema ammont huwa iddepozitat il-Qorti permezz ta’ cedola numru 461/03 mill-Marixxal Carmelo Xuereb.

Sema' x-xhieda ta’ l-prokuratur legali Jonathan de Maria ghan-nom tal-bank attur li ikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu dovut u dana peress illi l-bank attur ma huwiex f’posizzjoni jizbanka l-flus li gew iddepozitati l-Qorti permezz tac-cedola numru 461/03 minghajr sentenza tal-Qorti jew minghajr l-kunsens tad-debitur innifsu u li ghalhekk l-bank ghadu ma irceviex l-ammont mitlub fl-avviz.

Ra r-rikros tal-konvenut ipprezentat fit-30 ta’ Mejju 2003, fejn huwa talab lit-Tribunal jissosspendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex hwua ikun jsita’ iressaq il-provi tieghu.

Ra r-risposta tal-bank attur tad-9 ta’ Gunju 2003, fejn huwa oppona ghat-talba tal-konvenut u dana in vista tal-fatt illi l-konevnut inghata kull opportunita sabiex iressaq il-provi tieghu, izda dana naqas li jaghmlu

Ra id-digriet tat-Tribunal ta’l-10 ta’ Gunju 2002 fejn it-talba tal-konvenut sabiex iressaq il-provi giet michuda in vista tal-fatt illi hwua inghata kull opportunita li jipprezenta r-risposta tieghu, izda awtorizza lill-istes skonvenut iressaq is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub fi zmien hmistax–il jum bil-visto tal-kontro-parti li inghata hmistax-il jum ghar-risposta.

Ra illi l-konvenut naqas li iressaq is-sottomissjonijiet tieghu fit-terminu moghti u dana kif inghata id-dritt li jaghmel.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti u ikkunsidra illi l-konvenut ma ressaqx ir-risposta tieghu kif kien gie awtorizzat jaghmel u lanqas

is-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub sabiex jikkontesta l-kawza fil-mertu.

Ikkunsidra,

Illi d-depozitu maghmul taht l-awtorita tal-Qorti mill-Marixxal Carmelo Xuereb ma ifisser bl-ebda mod illi l-konvenut effetwa l-pagement dovut lill-bank attur, li ma huwiex f’posizzjoni jizbanka liberalment dan l-ammont minghajr ma ikollu gudikat favur tieghu jew inkella minghajr l-kunsens espress ta’l-istess konvenut. Kwindi ma jistax il-konvenut jiddikjara illi huwa heles mill-obbligi tieghu skond il-ligi ghaliex ghadda l-ammont dovut lil marixxal tal-Qorti li sabiex jezimi ruhu minn kull responsabbilita’, iddepozita l-istess that l-awtorita tal-Qorti, kif *del resto* kien fid-dmir li jaghmel.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ sitt mija u disgha u disghin lira Maltin u tlieta u sebghin cenetzmu (Lm699.73), kif ukoll s-somma ta’ hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu, bhala imghaxijiet sas-27 ta’ Jannar 2003, flimkien ma’l-imghaxijiet ulterjuri mit-28 ta’ Jannar 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------